MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 34/2009/1

**Joseph Zammit bhala mandatarju ta' bintu Sarah Zammit u**
**b'digriet ta' l-24 ta' Jannar 2011**
**l-atti gew assunti minn Sarah Zammit imsemmija u**
**b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2012**
**gie korrett l-okkju fis-sens li l-atti gew assunti min Sarah Bianchi**

**vs**

**Tricolor Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta konvenuta mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' Dicembru 2012 li biha laqghet it-talbiet attrici biex jigu rimedjati xogholijiet fis-sistema elettrika stallata mis-socjeta konvenuta liema xogholijiet ma kienux skond is-sengha u l-arti u cahditha

in kwantu ghat-talba attrici ghat-telf ta’ qliegh, bl-ispejjez ikunu tlett kwarti ghas-socjeta konvenuta u kwart ghall-attrici. Is-socjeta konvenuta appellat minn dik il-parti li laqghet it-talbiet attrici u anki rigward l-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-attrici li ssottomettiet li s-sentenza ghandha tigi konfermata u l-appell michud;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tal-ewwel Qorti li tghid hekk:
Ikkunsidrat.

Illi Joseph Zammit, l-attur nomine, (fol 18 et seq ibid) permezz ta' affidavit xehed li l-appartament involut kien gie akkwistat minn bintu, li assumiet eventwalment dawn l-atti, permezz ta' att pubbliku, minghand is-socjeta' attrici kif jidher mill-anness dokument immarkat Dok A (fol 22 et seq ibid). F'Dicembru 2007, wara l-akkwist, l-istess bintu li kienet qed tahdem barra minn Malta, ordnat kcina u meta ttiehdu l-qisien, gie indikat fejn ghandhom isiru " .... all the socket outlets and drains" minflok fejn kienu originarjament. Difatti dawn kellhom jitpoggew xi ftit centimetri minn fejn kienu gew stallati meta nxtara l-appartament. Ghalhekk hu tkellem ma' Noel Grech f'isem is-socjeta' konvenuta sabiex jista' jaghmel kuntatt l-"electrician" inkarigat ovjament mill-istess socjeta' sabiex jistalla d-dawl u l-ilma fl-istess appartament. Difatti, hu ltaqa' mal-istess "electrician" u dan tah stima tax-xoghol involut. Pero' hu ra din l-istima bhala gholja wisq u ghalhekk kien inkariga iehor, Malcolm Abela. Meta dan beda x-xoghol u smantella is-"socket outlets" u ra l-"cables" gja stallati, hu nfurmah lidawn kienu rqaq wisq " ... to carry the electrical load of the appliances" u " ... the installation was not up to standard". Inoltre l-"conduit" ma kienx wiesa bizzejjed sabiex fih jistghu jigu stallati l-"cables" aktar hoxnin. Inoltre, wara li sar jaf li kien hemm l-istess problema f'appartament iehor fl-istess blokk, hu gie nfurmat dwar certu inginier Mario Galea u hu ma' Malcolm Abela u l-inginier iltaqghu u dan fl-ahhar qabel, perfettament, ma' dak li kien qallu Malcolm Abela (ara r-rapport "'ex parte" tal-istess inginier (a fol 33 ibid).

Sussegwentament hu Itaqa' fl-istess appartament ma' George Grech, direttur iehor tas-socjeta' konvenuta kif ukoll it-"turnkey contractor" inkarighat mill-bini tal-blokk. Meta dan intwera' l-imsemmi rapport, il-kuntrattur kien sostna li kien gie stallat l-elettriku skont il-linji gwida tal-Korporazzjoni Enemalta u gie approvat minn inginier iehor, Robert Bezzina inkarigat mill-istess korporazzjoni mill-istallazzjoni tal-"meter" tal-elettriku. Jidher li dan l-inkontru ma kellux ezitu pozittiv. Inoltre hu kien ircieva ittra minghand avukat fejn gie nfurmat li l-istallazzjoni tal-elettriku kienet saret skont il-ligi u giet certifikata minghand Robert Bezzina. Inoltre kien gie nfurmat li kien ser jircievi kopja tar-rapport ta' dan l-inginier kif ukoll pjanta tal-istallazzjoni tal-elettriku (ara fol 34, fol 35, u fol 36 ibid). Hawnhekk inbdew ix-xoghlijiet minn Malcolm Abela bis-supervizjoni moghtija lill-inginier Mario Galea. Instab li kien hemm "cable" bil-"conduit" li kien "taped" skont kif jidher fir-ritratt a fol 37 ibid. Sussegwentament, kien sar inkontru iehor izda jidher Ii l-"electrician" tas-socjeta' konvenuta ma riedx jaccetta s-sitwazzjoni. L-istess xhud hawn semma li ma setax jaccetta kif sar il-"wiring" peress li ma setax ikollu mohhu mistrieh li l-"cables" ma kienux "taped" u li kienu tal-hxuna kif suppost. Difatti Noel Grech staqsa ghal stima li saret mill-inginier Mario Galea u li ntbaghtet lis-socjeta' konvenuta. Din l-istima tinsab a fol 38 u markata Dok G. Sussegwentament l-istess xhud sema' xi problemi li gie rrinfaccati bihom inkluza dik sabiex jghaddilu il-"cables" aktar hoxnin mill-"points" sal-"consumer unit" u dak li gie konsiderat sabiex dan jkun jista' jsehh. Inoltre a fol 20 u a fol 46 et seq ibid tinsab it-talba in esami kif dettaljata oltre dokumenti in sostenn tat-talba sabiex dak li nstab jigi rimedjat (ara wkoll l-affidavit a fol 56 ibid ta' Malcolm Abela l-"electrician" inkarigat rnill-attrici permezz ta' missierha, liema xhud issottolinea illi " .... il-"wiring" li kien gja hem m installat ma kienx wiehed adegwat fis-sens illi kienu "wires"rqaq u mhux adegwati sabiex jerfghu l-"load" tal-elettriku li kellhom bzonn l-"appliances" li kienu ser jigu stallati"u l-kontroesami ta' dan ix-xhud a fol 70 u fol 77 ibid)".

Ikkunsidrat.

Illi l-inginier Mario Galea (fol 14 et seq ibid) inkarigat rnill-attrici dejjem permezz ta' missierha beda billi qal li meta kien spezzjona l-elettriku fil-post in kwistjoni, hu sab li "... xi affarijiet li ma kienux 'up to standard' skont il-kriterji ta' 'British Standards', liema "standard" jintuza wkoll ... mill-Enemalta". Dwar dan hu kkonferma l-anness Dok B a fol 33 u fol 17 bhala r-rapport redatt minnu u kunsistenti f'lista ta' nuqqasijiet li hu kkostata fil-post u dak li hu rrakomandanti li jsir sabiex jigu rimedjati dawn id-difetti ossija nuqqasijiet fil-"cables", "fid-"distribution box" u fl-"earthing". Filfatt dak rrakkomandat minnu kien sar mill-attrici, permezz tal-attur nomine u seta' jghid li x-xoghlijiet issa saru tajbin. In kontroesami u qal li meta mar fil-post" ... dawk (il-kaxxi tas-'sockets') kienu ghadhom fil-post pero' kien wahhal kaxxi godda". Inoltre, dwar il-meter" tal-elettriku li kien gie stallat "mhux necessarju illi sabiex tinghata "meter" ikun jigi rilaxxat certifikat minn xi "engineer" elettriku ...".

Ikkunsidrat.

Illi l-imsemmi Noel Grech (fol 73 et seq ibid) xehed dwar il-post mibni bhala "penthouse" mis-socjeta' konvenuta illi inkarigat minn din is-socjeta' sabiex jezegwixxi x-xoghol tal-elettriku kien certu Karl Caruana, "electrician" ta' fiducja, kif deskritta minnu. Skont hu kien imur kuljum sabiex jispezzjona x-xoghol ghaddej u meta gie terminat ix-xoghol kien gie approvat minn inginier iehor, Robert Bezzina (ara wkoll ix-xhieda ta' George Grech a fol 75 ibid). Illi l-imsemmi "electrician" Karl Caruana" (fol 77 u fol 77 ibid) spjega li qabel ma jitwahhal "meter" tal-elettriku impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta jispezzjonaw l-elettriku kif stallat u dan tramite l-"consumer unit". Hu filfatt ma kienx licenzjat bhala "electrician", izda l-impjegati tieghu li kienu jaghmlu l-istallazzjonijiet mhumiex licenzjati izda "jkollhom l-esperjenza fix-xoghol". Dwar il-'wires' dawn jinxtraw minnu personalment u ndika li l-"'wall plugs' ikunu 2.5 mm ... l-'light points' ikunu 1 mm jew 1.5 mm". Bhala post hu specifika illi "... kull ma fiha zewgt ikmamar".

Illi Robert Bezzina, imsemmi wkoll (fol 84, u fol 85 ibid) semma li hu 'electrician' u kien iccertifika li l-elettriku stallat kien skont ir-regolamenti tal-Korporazzjoni Enemalta u "kieku sibt xi haga diffettiva ma kontx nohrog ic-certifikat". Hu semma li "... ghamilt it-testijiet mehtiega, ivverifikajt li kien hemm il-'fittings' imwahhlin u li kien hemm is-'circuit breaker' u l-'electrodes'. In kontroesami (fol 93 sa fol 95 ibid) hu zied ma' dak li qal billi "... iccekjajt l-'insulation' tal-'cables', iccekjajt il-hxuna tal-'cables' ... u l-'MCSs ..." kif ukoll is-'salva vita'. Inoltre ikkontesta dak li kien xehed l-inginier Mario Galea. Jigi notat li dan ix-xhud kellu jigi riprodott sabiex jezebixxi kopja ta' approvazzjoni u c-certifikati li saru mix-xhud izda dan qatt ma avvera ruhu.

Ikkunsidrat.

Illi dawn huma l-provi prodotti mill-partijiet u minnhom jidher li l-attrici qed tallega li x-xoghol ezegwit mis-socjeta' konvenuta, permezz ta' sub appalt moghti lil Karl Caruana kien difettuz minhabba dak kollu elenkat u deskritt mill-inginier Mario Galea. Da parti tas-socjeta' konvenuta din afferit li x-xoghol sar kollu tajjeb u li filfatt dak kollu li riedet taghmel l-attrici kien biss "miljoramenti" u zieda fil-'load'.

Ikkunsidrat.

Illi f'dan il-kaz ma setax jigi nkarigat espert tekniku mill-Qorti peress li x-xoghol li lmenta minnu l-attur nomine u bintu sussegwentament ma kienx ghadu jezisti meta nbdiet din il-kawza u ghalhekk l-istess Qorti kellha tqis, tesamina u tistrieh fuq ix-xhieda kollha 'ex parte'.

Ikkunsidrat.

Illi wara tali esami u analisi jidher li fug bazi ta' probabilita' illi:

a. Ghandha titwemmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Joseph Zammit u l-inginier Mario Galea, dan tal-ahhar, peress li tista' tigi deskritta mill-Qorti bhala preciza u tal-affari taghha.

b. Ma jidhirx li filfatt ix-xoghol li kien sar mill-attur nomine jista' jigi kunsiderat bhala 'miljoramenti' minhabba xewqa da parti tal-attur nomine sabiex jizdied il-'load' fil-post in kwistjoni. Difatti l-Qorti hi konvinta li x-xoghol kollu fl-elettriku li sar mis-socjeta' konvenuta kienet inadekwati u esegwit b'diversi nuqqasijiet u difatti kellhom jigu rimedjati.

c. Jigi enfasizzat li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lil Karl Caruana li m'ghandhux licenzja ta' 'electrician'. Dan tal-ahhar uza haddiema li lanqas ma huma licenzjati. Dan il-punt jirriforma l-konkluzzjoni tal-Qorti li, filfatt ix-xoghol gie ezegwit mhux skont kif rikjest mill-arti u s-sengha.

Ikkunsidrat.

Illi a bazi ta' dak li xehed Matthew Briffa (fol 59 ibid) agent fil-bini ta' propjeta', dan qal li kellu klijent barrani li xtaq jikri post u meta kien wera l-istess post lil din il-persuna, kien ftiehem maghha dwar kirja ghall-sentejn bir-rata ta' €420 (erba' mija u ghoxrin ewro) kull xahar. Pero' l-attrici kienet qaltlu li ma setghetx tikkommetti ruhha u tintrabat peress li kien hemm xi 'electrical problem' u ghalhekk il-kirja ma setghetx isehh. Illi dwar dan il-punt, l-attur nomine jidher li qed jikteb is-somma komplessiva bhal telf ta' qligh ("lucrum cessans") fuq bazi ta' €350 (tlett mija u hamsin ewro) fix-xahar amontanti ghal €1714.16 (elf seba' mija u erbatax-il ewro u sittax-il centezmu) wara li tnaqqas mis-somma mitluba l-ammont ta' "dannum emergens".

Illi dwar dan il-Qorti ssib ruhha rinfaccjata b'dak li qal l-imsemmi espert minghajr xi forma ta' dokumentazzjoni fuq sistema tal-kirja allegata u ghalhekk it-talba li l-ammont ghal €1714.16 (elf seba' mija u erbatax-il ewro u sittax-il centezmu) ma tistax tigi akkolta fuq din il-bazi pjuttost dghajjfa tenut kont ukoll li lanqas kien hemm prova certa dwar l-ammont tal-kera li kellu jithallas.

Ikkunsidrat.

Illi r-ragunijiet premessi, ser tigi akkolta biss ir-raba (4) eccezzjoni waqt li t-talba attrici ser tigi akkolta

limitatament ghall-ammont ta' €3822.80 (tlett elef tmin mija, tnejn u ghoxrin ewro u tmenin centezmu) ossija l-ammont mitlub sabiex jigu rimedjati n-nuqqasijiet fis-sistema elettrika gja stallata fil-post meta dan inxtara minn bint l-attur nomine.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tichad it-talba attrici in rigward it-telf ta' qligh pretiz, tilqa ghalhekk, l-istess talba "in parte" tikundanna s-socjeta' konvenuta/intimata sabiex thallas lill-attrici/rikorrenti s-somma ta' €3822.80 (tlett elef tmin mija, tnejn u ghoxrin ewro u tmenin centezmu) bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjez dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mis-socjeta' konvenuta/intimata u kwantu ghal kwart (1/4) mill-attrici.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

L-aggravji tas-socjeta appellanti huma kollha fuq il-mertu nnifsu. Din il-Qorti tiddisturba rarament u ghal ragunijiet serji l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti u dan peress illi l-ewwel Qorti tkun semghet hi stess il-provi u evalwathom hi di prima mano. Ghalkemm il-Qorti tal-Appell hi Qorti ta’ revizjoni pero sakemm is-sentenza tkun motivata sew u sostanzjalment gusta, din il-Qorti ma tbiddel xejn minn dak deciz.

Il-Qorti qrat l-inkartament tal-kawza u tqis li l-ewwel Qorti qieset korrettement il-fatti u applikathom b’mod fejn uzat id-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi biex tat il-piz misthoqq lil verzjonijiet tal-partijiet u xhieda prodotti u wara ghazlet liema verzjoni kienet l-aktar probabbli fic-cirkostanzi.

L-ewwel Qorti qieset illi kellha taghti piz lil inginier imqabbad mill-attrici li vverifika l-istat tal-elettriku maghmul mis-socjeta konvenuta li qabdet nies mhix kwalifikati biex jaghmlu xoghol u li fil-fehma tal-inginier Mario Galea ma hux skond l-istandards rikjesti u ma kienx tali li jiflah l-appliances tal-kcina li kienet ser tistalla l-attrici. Kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant din ma

kinitx kwistjoni ta' meljoramenti jew alterazzjonijiet izda stallazzjoni ta' kcina f'fond bl-appliances li solitament issib fi kcina u s-sistema elettrika istallata ma kinitx maghmula skond is-sengha la bhala kwalita u anqas ta' sahha li jiflah l-appliances mehtiega. Dawn il-provi, fil-fehma tal-ewwel Qorti u anki fil-fehma ta' din il-Qorti, kienu tali li jiggustifikaw illi l-attrici tiehu r-rimedji necessarji taht is-supervizjoni ta' inginier kwalifikat.

Il-Qorti ma tqis illi l-ewwel inkorriet xi nuqqas ghax ma setghax jitqabbad espert tekniku biex jara l-kwalita ta' xoghol li kien hemm peress li l-kawza saret wara li x-xoghol gie rimedjat. Izda l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni kemm tax-xiehda u anki tar-rapport tal-inginier Galea dwar in-nuqqasijiet li rriskontra u l-ispiza necessarja biex isiru t-tiswijiet liema tiswijiet kienu jinkludu l-ispiza necessarja biex jithaffru trinek godda biex jakkomoda s-sistema elettrika peress li l-conduits ezistenti kienu dojoq, u jsir soffitt biex ighatti x-xogholijiet liema spiza kienet anqas milli kieku rega' tnehha l-madum tal-art u ghadda kollox minn taht l-art.

Hafna mill-appell hu estrazzjoni ta' partijiet mix-xiehda moghtija minn persuni msejha mis-socjeta konvenuta u kif inghad huma kwistjoni ta' apprezzament u piz probatorju li l-Qorti ghandha taghti lil provi kollha prodotti u kif inghad l-ewwel Qorti li ezaminat din ix-xhieda qieset ix-xiehda tal-attrici u missierha u l-inginier Galea bhala aktar konkreta u affidabbli.

Il-Qorti fic-cirkostanzi ma tqis li hemm lok li tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti li applikat il-ligi ghal fatti pprezentati quddiemha u b'mod ragonat fliet u skartat dawk il-provi anqas attendibbli minn dawk li qieset attendabbli.

## Decide

Ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta konvenuta, b-ispejjez tal-appell jkunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------